

# Oratorio Marija

## Kompożizzjoni mużikali ġdida li fakkret l-400 sena mit-twaqqif tal-parroċċa ddedikata lill-Assunta (1618-2018)

**minn Mro Gordon Baldacchino**
**Direttur Mużikali Banda Santa Marija**

Il-ġeneru mużikali msejjaħ *Oratorio* huwa assoċjat ma' rappreżentazzjoni mużikali ta' rakkonti, ħafna drabi sagri, li jittellgħu permezz ta' strumenti kkombinati ma' vuċijiet, mingħajr kostumi u xenografiji. Ħafna drabi hawn min jiddefinixxi Oratorio bħala Opra Lirika mingħajr drama viżiv. U propju dan huwa dak li ħejjejna għall-ewwel eżekuzzjoni tal-*Oratorio Marija*, rappreżentazzjoni mużikali u vokali tal-Misteri tar-Rużarju Mqaddes, li fih hemm raffigurata Marija.



Il-Banda Santa Marija tesegwixxi l-oratorju oriġinali *Marija* taħt id-direzzjoni tal-kompożitur innifsu tiegħu Mro Gordon Baldacchino fil-knisja parrokkjali ta' Santa Marija tal-Qrendi

Ewlieni fost l-isfidi li kellna naffaċjaw kien il-fatt li s-suġġett huwa wieħed li l-udjenza żgur li hija familjari miegħu, u x'aktarx li tiegħu taf id-dettalji u forsi anke l-ħsibijiet teoloġiċi warajh. Dan poġġa aktar responsabbilità u piż fuq min qed jikteb il-lirika u l-mużika, għaliex irrikjeda ħtieġa akbar li r-rappreżentazzjoni tar-rakkont magħruf, xorta irid isir b'mod frisk u interessanti għall-udjenza. L-isfida ma qatgħetilniex qalbna, u umilment konvint li dawwarnieha f'opportunità li fiha ppruvajna nwasslu l-interpretazzjoni personali tagħna minn angolu tas-seklu wieħed u għoxrin, li mhux neċessarjament taqa' fil-klixè li mdorrijin bih. Ippruvajna li kemm il-lirika u anki l-mużika toħroġ l-umanità u fl-istess ħin il-qdusija ta' Marija, it-tbatija, il-ferħ u l-inkwiet ta' kull omm u fuq kollox l-aċċettazzjoni u l-milja tal-Pjan Divin.




Il-Poster uffiċjali tal-*Oratorju Marija*

Mużikalment, l-għażla li l-Oratorio jkun miktub għal sopran, tenur, kor u narratur kienet maqbula sa mill-bidu nett, għażla li bħala kompożitur tatni l-opportunità li jkolli tesstitura differenti b'mod kontinwu, addattat għal-lok li dan ix-xogħol ried jittella' fih - il-Knisja Parrokkjali tal-Qrendi. L-istil tal-mużika, għalkemm huwa wieħed kontemporanju, żammejtu kemm jista' jkun tonali, b'mod li jista' jiġi apprezzat minn udjenza wiesgħa. L-Oratorio huwa kompost minn disa' movimenti distinti, li għalkemm jikkontrastaw fl-istili u r-ritmi tagħhom, kienu maħsubin li jgħinu lill-udjenza tifhem aħjar il-kuntest li fih qed jiżvolġu l-fatti. Dan qed ngħidu mhux biss għas-setting fl-art Lhudija, iżda anke għal mumenti fejn il-Liriċista xtaq li jkun hemm tip ta' flashback għal dak li Marija tkun diġà għaddiet minnu. Eżempju ta' dan huwa l-mod ta' kif Ġesù f'ħoġor Ommu, kemm fit-twelid kif ukoll fil-mewt, iqanqlu sentimenti reżonanti f'Marija.



Mument storiku meta l-banda Santa Marija kienet l-ewwel banda fil-Qrendi li esegwiet Oratorjo miktub speċifikament biex tfakkar l-400 sena mit-twaqqif tal-parroċċa
Ritratti ta' David Azzopardi

Fl-istess serata ġie mżanżan innu ġdid, bl-isem ta' *Innu lil Marija*. Dan l-innu huwa msejjes fuq it-tema mużikali li bih jiftaħ u jagħlaq l-Oratorio. Il-lirika titwaħħad anke mal-innu popolari ta' Santa Marija, miktub aktar minn sebgħin sena qabel u nemmnu li fl-istess waqt dan l-innu jservi ta' rikordju tal-Oratorio kull meta jindaqq f'okkażjonijiet futuri.

Kelma ta' ringrazzjament u apprezzament personali lill-Kumitat Direttiv tas-Soċjetà Mużikali Santa Marija u l-Fratellanza tas-Santissmu Sagrament tal-fiduċja kbira li wrew fija meta ġejt afdat bil-kompożizzjoni ta' dan l-Oratorio.